Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 192/2018

Il-Pulizija

Vs

Simon Parnis

Illum 23 ta Ottubru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Simon Parnis detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 135966M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli fuq talba ta' l-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol qed jigi akkuzat talli fil-kapacita' tieghu personali u/jew bhala persuna li ghaliha qieghed isir xoghol f'119, 1221, 123, Triq il-Lunzjata, Santa Venera, nhar it-2 ta' Frar, 2017 matul il-gurnata u/jew fix-xhur u/jew fis-snin ta' qabel:

1. Naqas milli jahtar supervisor ghall-progett ghall-istadju tad-disinn u supervisor tal-progett ghall-istadju tal-kostruzzjoni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-11 ta' April, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 3(1) ta' A. L. 281/2004 (S. L. 424.29) tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti ma sabitx lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ghaldaqstant illiberatu minnhom.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-30 ta' April, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha **thassar u tirrevoka** s-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontrih u minflok tghaddi sabiex issib lill-appellat **hati** tal-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentement tinfliggi piena ekwa u gusta konsiderando c-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti u cioe`:-

Illi, fid-19 ta' April 2018, l-esponent ircieva l-Atti Processwali fl-ismijiet fuq premessi minghand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u hassu aggravat bihom b'mod car u manifest in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet enuncjazzjoni, applikazzjoni u interpretazzjoni kompletament zbaljata tal-ligi kif ukoll apprezzament zbaljat tal-provi li kawza t'hekk wassal sabiex l-imputat jigi lliberat mill-akkuzi dedotti kontrih. In vista ta' dan, l-esponent qieghed ghalhekk jinterponi dan l-umli appell, u dana ai termini tal-Artikolu 38(7) tal-Att dwar l-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol (Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta);

Illi, primarjament, jibda biex jigi enfasizzat li l-ligijiet li jirregolaw is-sahha u s-sigurtà fuq il-post tax-xoghol ipoggu l-oneru tal-prova fuq l-imputat sabiex juri li effettivament ghamel dak kollu li seta' ragonevolment jaghmel sabiex jaderixxi mal-

obbligi tieghu naxxenti mid-dettami tal-ligijiet li jirregolaw is-sahha u s-sigurtà fuq il-post tax-xoghol sabiex fl-ahhar mill-ahhar jezimi ruhu mir-responsabbiltajiet tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih. Dan l-oneru tal-prova huwa filfatt naxxenti mir-Regolament 12 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 424.29 – Regolamenti dwar il-Post tax-Xoghol (Bzonnijiet Minimi tas-Sahha u s-Sigurtà tax-Xoghol f'Siti ta' Kostruzzjoni), li jistipola propju hekk -

*F'kull procediment ghal xi reat taht dawn ir-regolamenti li jkun dwar xi nuqqas ta' harsien ta' xi dmir jew rekwizit li ssir xi haga, jew li ssir xi haga sa' fejn huwa ragonevolement prattikabbli, ikun imiss illi l-akkuzat igib prova, skond il-kaz, li ma kienx prattikabbli jew li ma kienx ragonevolment prattikabbli li jsir iktar milli fil-fatt ikun sar biex jitwettaq id-dmir jew ir-rekwizit, jew li ma kienx hemm mezz prattikabbli ahjar minn dak fil-fatt uzat biex jigi mwettaq id-dmir jew ir-rekwizit.*

Illi, waqt il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati, xehed biss xhud tal-Prosekuzzjoni, u cioe' l-Ufficjal tas-Sahha u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xoghol Clint Cachia, nhar il-11 t'April 2018, fejn dan stqarr li huwa kien ghamel spezzjoni nhar it-2 ta' Frar 2017 fil-fondi nnumerati 119, 121 u 123, Triq il-Lunzjata, Santa Venera, fejn ghalkemm dakinhar ma kienux qed isiru ebda xoghlijiet f'dawn l-istess fondi, gew innutati diversi nuqqasijiet ghal dak li jirrigwarda l-obbligi naxxenti mil-ligijiet li jirregolaw is-sahha u s-sigurtà fuq il-post tax-xoghol;

Illi, **Clint Cachia** xehed ukoll illi l-Awtorità, nhar is-7 ta' Marzu 2017, kienet baghtet ghall-appellat Simon Parnis fejn dan tal-ahhar kien ikkonferma illi huwa kien is-sid tal-fondi surreferiti u li l-kostruzzjoni tal-istess kienet bdiet fis-sena 2009. L-appellat kien stqarr ukoll mal-Awtorità li huwa ma kienx innotifika lill-istess Awtorità a rigward dawn l-istess fondi hekk kif rikjest skond il-Ligi u li lanqas ma kien hatar *supervisor* tal-progett ghall-istudju tad-disinn u *supervisor* tal-progett ghall-istadju tal-kostruzzjoni. Sussegwentement, fl-istess gurnata, l-Awtorità kienet harget ordni bil-miktub li fiha gie ordnat lill-imputat sabiex jinhatar *supervisor* tal-progett ghall-istadju tas-disinn u *supervisor* tal-progett ghall-istadju tal-kostruzzjoni, jintbaghat l-avviz necessarju lill-Awtorità, kif ukoll jintbaghat pjan ta' sahha u sigurtà. Minkejja dan kollu pero', hekk kif xehed l-istess Clint Cachia, Simon Parnis m'attwax l-ordnijiet bil-

miktub tal-Ufficjal tas-Sahha u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xoghol u fil-fatt baqa' inadempjenti;

Illi, waqt il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati, l-imputat fl-ebda hin ma rribatta dak li xehed dwaru Clint Cachia, u fil-fatt hekk kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta datat 11 t'April 2018, id-difiza sahansitra ddikjarat li m'ghandhiex provi xi tressaq;

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-difiza kkontendiet li dakinhar tal-ispezzjoni li saret da parti tal-Ufficjal tas-Sahha u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xoghol - u cioe nhar it-2 ta' Frar 2017 - ma kienu qed isiru ebda xoghlijiet fil-fondi in kwistjoni u ghalhekk l-obbligu li jkun hemm mahtur *supervisor* tal-progett ghall-istadju tad-disinn u *supervisor* ghall-istadju tal-kostruzzjoni ma kienx mehtieg. B'kull dovut rispett dan l-argument ma jregix. L-ewwelnett, jekk issir referenza ghac-citazzjoni rispettiva, wiehed jara li l-akkuzi dedotti kontra l-appellat huma a rigward il-perjodu ta' zmien li jibda minn nhar it-2 ta' Frar 2017 u li jmur lura ghax-xhur u/jew is-snin ta' qabel dik id-data. L-appellat stess kien stqarr mal-Awtorità, u hemm ukoll evidenza dokumentarja a rigward fl-Atti Processwali (fol. 6 et seq), li l-kostruzzjoni tal-fondi surreferiti beda fis-sena 2009. Fil-kors tal-proceduri, gie ppruvat ukoll li l-appellat, qua sid ta' dawn l-istess fondi ma kien qatt applika sabiex jigi mahtur *supervisor* tal-progett ghall-istadju tad-disinn u *supervisor* ghall-istadju tal-kostruzzjoni, a rigward liema prova qatt ma ngabet prova kuntrarja da parti tal-appellat;

Illi, in oltre, l-istess xhud tal-prosekuzzjoni u cioe' l-ufficjal li xehed f'dawn il-proceduri - Clint Cachia – stqarr bil-gurament tieghu li dakinhar tal-intervent tieghu fil-fondi in kwistjoni, innota diversi nuqqasijiet u fil-fatt esebixxa diversi ritratti li juru f'liema stadju kien wasal dan il-progett. Dan ghandu jinghad ukoll fid-dawl tad-definizzjoni li tinghata lill-frazi *'sit ta' kostruzzjoni'* permezz tal-Legislazzjoni Sussidjarja 424.29, u partikularment l-iskeda tal-istess, fejn il-legislatur jiddefinixxi lista mhux ezawrjenti ta' xogholijiet. Jidher ampjament minn dawn l-istess ritratti esebiti li minkejja li ma kienx hemm xogholijiet ghaddejjin fil-gurnata meta sar l-intervent da parti tal-Awtorità, il-progett in kwistjoni kien lil hinn mill-istadju

komplut u ghaldaqstant kien jirrikjedi li s-sid tal-istess u cioe' Simon Parnis iqabbad *'project supervisor'*;

Illi, ghaldaqstant, irrispettivament mill-fatt li dakinhar tal-ispezzjoni ma kienx hemm xoghlijiet ghaddejjin fil-fondi in kwistjoni, gie ampjament pruvat illi fix-xhur u/jew fis-snin ta' qabel id-data tal-ispezzjoni in kwistjoni, xoghlijiet f'dawn il-fondi kienu saru kif ukoll gie ppruvat li l-progett sa dakinhar tal-ispezzjoni kien ghadu mhux komplet. Ghalhekk l-appellat qua sid ta' dawn l-istess fondi kien naqas milli jahtar *supervisor* tal-progett ghall-istadju tad-disinn u *supervisor* ghall-istadju tal-kostruzzjoni, hekk kif tirrikjedi l-Ligi;

Illi, fl-ahharnett, in vista tad-dicitura tar-Regolament 12 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 424.29, aktar 'il fuq ikkwotat, il-Prosekuzzjoni ma kellha l-obbligu tressaq l-ebda prova f'dawn il-proceduri. L-oneru tal-prova qieghda fuq l-appellat u ghalhekk kien jispetta lilu li jtella' kwalunkwe prova li setghet ixxejjen b'xi mod jew iehor it-tezi tal-Prosekuzzjoni. Ebda prova ma ngabat da parti tal-appellat u sussegwentement huwa naqas milli jressaq dawk il-provi sabiex fuq bazi ta' probabbilità juri li huwa ghamel dak kollu li seta' ragonevolment jaghmel sabiex jaderixxi mal-obbligi tieghu naxxenti mid-dettami tal-ligijiet li jirregolaw is-sahha u s-sigurtà fuq il-post tax-xoghol. Dan isegwi ghalhekk li, in vista ta' dan kollu, l-Ewwel Qorti ma kellha ebda triq ohra hlief li ssib lill-appellat hati tal-akkuzi hekk kif dedotti kontra tieghu, u mhux tilliberah, kif erronjament ghamlet.

Semghet lix xhud Clint Cachia jixhed in rapprsentanza tal-Awtorita tas-Sahha u tas-Sigurta jixhed fis-seduta tal-20 ta Settembru 2018. Dan spjega illi fit-2 ta Frar 2017 huwa kien gie mghajjat biex ighamel spezzjoni f'post fil-vicinanza tal-fond mertu tal kawza u meta kien ghaddej innota is-sit 119,121,123 Tirq il-Lunzjata kien mibni f'shell form bil-bieb ta barra maghluq. Innota li ma kien hemm l-ebda ilqugh mal-galleriji u lanqas mal-komun. Minn ricerka li ghamel irrizultalu li sid dan il-fond ma kienx baghat notification for lill-Awtorita kif kien obbligat li ighamel.

Huwa ghamel tfittxija biex jra min kien is-sid u sar jaf li kien l-appellant odjern. Dan ikkonfemr amieghu li ma kienx baghat in notification form lillAwtorita .Qal li huwa harg stop notice. Is-sit kellu numru ta sulari u recessed floor u garages taht.

Ikkonferma li ma kienx qed isir xoghol fl-ewwel spezzjoni li ghamlel. Pero' jghid li minkejja li harget Stop notice ghadda min nhemm ricentement u innot ali kienu saru xi xoghlijeit ghaliex il-fond m ghadux shell izda sar it tikhil u tibjid ukoll. Ikkonferm ali fil-fond had ma setgha jidhol ghaliex kien msakkar. Qal li kellu amment li l-appellant kien qallu li s-sit kien ilu mghaluq mis-sena 2013 peo stqarr li xorta is-sit kellu l0bbligu jifnroma lil Awtorita . Cahad li l-appellant kien qallu li kien fuq konvenju dwar il-biegh tas-sit kollu. Anzi ighi dli kien qallu li huwa s-sit u ghalhekk hareg l-akkuzia fil-konfront tieghu.

Mistoqsi jekk l-appellant qallux li ma kellux pusess tal-fond ighid li ma qallux . Jghi dli ma kellux nformazzjoni meta inbena l-post pero zgur wara is-sena 2004 u l-permessi beda johorgu wara dik id-data. Huwa ghamel refernza ghar ritratti esebiti fl-atti biex jindika li s-sit kien ghdu taht kostruzzjoni u ghalhekk is-sit kellu l-obbligu li jinnomina supervisor kemm ghar rigward tad- disinn kif ukoll ghall-istadju ta' kostruzzjoni.

Semghet lill-partijet jittrataw il-kaz b'mod partikolari lid-dfizia tghid li l-appellant m' ghandux jinsab hati peress li ma kienx qed isir l-ebda kostruzzjoni u s-sit kien ilu mibni erbgha snin u li l-fond kien maghluq u mhux accessibli. Waqt li l-prosekuzzjoni issostni li l-fond kien ghadu taht kostruzzjoni u li ghalhekk l-obbligu li jigi nominat supervisor kien ghadu hemm u in oltre li kien jispetta lill-appellant jipprova ghas sodsfazjon tal-Qorti li huwa ghamel dak kollu ragonevoli sabiex jaderixxi ruhu mal-obbligi tieghu naxxenti mid-dettami tal-ligijiet li jirregolaw s-sahha u s sigurta fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini tar-regolament 12 tal- LS 424.29 kif inkorporata fil-ligi ta' illum u cioe l-Att 88 tas-sena 2018.

Ikkunsidrat,

Illi mhux kontestat li f'dan il-kaz l-appellat ma nnominax supervisor pero' d-difiza qed issostni li is-sit huwa mibni u ghalhekk stante li ma kienx qed isiru xogholijeit ma kienx hemm lok li jigi nominat tali persuna.

Jigi imfakkar li skond irrgolament tal-Att 88/2018

"*Il- Klijent huwa fid-dmir li jaħtar, għal kull proġett,supervisor tal-proġett għall-istadju tad-disinn u tal-kostruzzjoni, ukull ħatra bħal dik tista' tiġi mitmuma, mibdula jew imġedda kif ikunmeħtieġ:Iżda xejn f'dan ir-regolament ma jżomm lill-klijent millijaġixxi bħala supervisor tal-proġett għal kull stadju minnhom jekkhuwa nnifsu jkun kompetenti biex jidħol għad-dmirijiet involuti*".

Issa is-subinciz 3 jipprovdi ulterjorment li "*Il-klijent għandu jiżgura illi qabel jibda sit ta' kostruzzjoni, għandu jara li jiġi mfassal pjan tas-saħħa u s-sigurtà skont is-subregolament (4) tar-regolament* 5".

Illi huwa ghalhekk utli li l-Qorti tara d-definizzjonijiet li ngahtaw f'din il-ligi fir-rigward tal-kelma 'klijent' u 'sit ta kostruzzjoni'

Filwaqt li l-kelma 'klijent' tfisser il-persuna naturali jew legali għal min jitwettaq proġett, 'sit ta' kostruzzjoni' tfisser *'kull sit ta' kostruzzjoni fejn jitwettqu xogħolijiet ta' bini jew ta' inginerija ċivili, li lista mhux eżawrejenti tagħhom qed tingħata fl-Iskeda I.'*

Illi harsa lejn l-iskeda I tipprodi li x-xogholijiet li jsiru fuq is-sit ta kostruzzjoni jinkludu:

1. *Tħaffir*
2. *Xogħlijiet l-art*
3. *Bini*
4. *Armar u ħatt ta' elementi prefabrikati*
5. *Konverżjoni jew iffittjar*
6. *Alterazzjonijiet*
7. *Rinnovament jew restawr*
8. *Tiswijiet*
9. *Ħatt*
10. *Twaqqiegħ*
11. *Manutenzjoni fi stat tajjeb*
12. *Manutenzjoni - żebgħa u tindif*
13. *Drenaġġ.*

Ghalhekk minkejja dak li stqarr ix-xhud Clint Cachia li l-fond kien ilu mibni numru ta' snin xorta ghandu jitqies li huwa sit ta' kostruzzjoni u dan ghaliex skont ix-xhieda ta' Cachia kien ghadu fi stat ta' '*shell*' u ghalhekk kien ghad-fadal li jsir zebgha u tindif u xoghol ta' dranagg zgur. B'hekk il-fond ghandu jitqies li hu sit ta' kostruzzjoni u li ghalhekk kien hemm il-htiega li jigi nomnat is-supervisor li f'dan il-kaz ma sarx.

Jigi rilevat li l-iskop ta' supervisor tal-proġett hu sabeix dan jiehu l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol bil-ghan li jigu evitati incidenti fuq il-post ta-xoghol.

Illi skond ir regolament 15 tal Att 88/2018 insibu shift fl-onus minn fuq il-prosekuzzjoni ghal fuq id-difiza fis-sens li jispetta lill-appellant iressaq il-provi sabiex jissodosfa lil Qorti li '*ma kienx prattikabbi jew li ma kienx raġonevolment prattikabbli li jsir iktar milli fil-fatt ikunsar biex jitwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit, jew li ma kienx hemm mezz prattikabbli aħjar minn dak fil-fatt użat biex jiġi mwettaq id-dmir jewir-rekwiżit*'. Illi f'dan il-kaz l-appellant ma ghamel xejn minn dan u strah biss fuq ix-xhieda prodotta mill-istess prosekuzzjoni sabiex ihejji d-difiza tieghu. Jinghad li fil-kontroesami tax-xhud Clint Cachia id-difiza ittentat tipprova li l-appellant ma kellux access tal-fond u dan ghaliex allegatament kien biegh is-sit u kien qieghed fuq konvenju pero' mill-atti ma jirrizutla xejn minn dan.

Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorit qieghda tilqa' l-appell tal-Avukat Generali u tiddikjara li qed thassar u tirrevoka is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti b'dan illi qed tiddikjara li qed issib lill-appellant hati ta' l-akkuza u tikkudannah ihallas multa fis-somma ta' hames mitt euro (€500) ai termini tal-artikolu 38 (3) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta.